Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 373/2016

Il-Pulizja

Spettur Jonathan Ferris

Vs

Charlo Lautier

Illum 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Charlo Lautier detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 31178 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' Gunju 2012 u fis-sena ta' qabel, f' dawn il-gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-sitess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda,

1. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel

titwemmen l-ezistenza ta'  intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37), ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

2. U aktar talli minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Awtorita' kompetenti mexxa xi attivita' turistika jew ippermetta li xi attivita' turistika titmexxa minn jew fi proprjeta' li taghha hu kien is-sid jew koproprjetarju jew li minnha jew fiha kienet tmexxiet dik l-attivita' li kieku kellu licenzja valida.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f' l-artikoli:

- 18, 308, 309 u 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
- 43 (1) (a) (2) (3) (4) (5) (6) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 17, 31, 532 A, 532 B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti filwaqt li laqghet l-eccezzjoni sollevata mill-imputat u iddikjarat t-tieni imputazzjoni preskritta, wara li rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta[1] sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikundannatu tlettax il-xahar prigunerija li b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28 A

[1] Fil-kaz ta' l-artikolu 310 il-Qorti rat dak li kien jipprovdi fis-snin 2011 u 2012  u ghalhekk qabel l-emenda promulgata b' l-Att XXIV tas-sena 2014.

ta' l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn. In oltre u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28 H tal-Kapitolu 9 ordnat lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali s-somma ta' erbghat elef tmien mija disgha u sittin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€ 4,869.51).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x' jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Charlo Lautier, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 t' Lulju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-umli appell u tbiddel, tvarja u tirriforma s-sentenza moghtija fl-4 ta' Lulju 2016 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Jonathan Ferris) vs. Charlo Lautier" billi tilwaqt li tikkonfermaha fejn laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-esponenti u ddikjarat it-tieni imputazzjoni preskritta, tirrevokaha fil-kumplarnent taghha, u minflok tghaddi biex tillibera lill-esponenti mill-ewwel imputazzjoni u tehilsu wkoll minn kull akkuza, htija u piena skont il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

AGGRAVJI

Illi kif suespost, l-esponenti hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza fl-4 ta' Lulju 2016 sa fejn f' dik l-istess sentenza huwa nstab

hati ta' l-ewwel imputazzjoni, u konsegwentement qed jinterponi appell proprju minn dik il-parti ta' l-istess sentenza.

Illi l-ewwel aggravju ta' l-esponenti huwa car u manifest, billi l-Prosekuzzjoni naqset ghal kollox milli iggib prova sal-grad rikjest mil-ligi li l-esponenti ikkommetta xi qerq.

Illi kif suespost, l-esponenti gie mehlus mit-tieni imputazzjoni, izda misjub hati dwar l-ewwel imputazzjoni rigwardanti l-addebitu ta' truffa. Sabiex il-Prosekuzzjoni tirnexxi fid-dmir taghha li tipprova din l-akkuza. hija kellha ggib provi dwar is-segwenti elementi li jikkomponu l-istess reat ta' truffa:

(i) suggett attiv, liema sugett attiv jista' jkun kull persuna;
(ii) suggeti passiv, u cioe persuna li ssofri diminuzzjoni patrimonjali b' konsegwenza tal-frodi prattika mis-suggett attiv:
(iii) l-element materjali, li huwa kompost minn qerq kif imfisser fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, kif interpretat kostantement mill-gurisprudenza nostrana;
(iv) l-element intenzjonali, konsistenti mill-*animus fraudandi* da parti tas-suggett attiv.

Illi l-qerq imwettaq mill-esponenti huwa hekk spjegat fis-sentenza appellata:

> Illi mill-provi prodotti (riassunti aktar 'l fuq) jirrizulta ampjament li fil-perjodu bejn Jannar 2011 u Settembru 2012 l-imputat kien qed jahdem bhala tour operatour u / jew travel agent. Jirrizulta ukoll li minkejja din l-attivita huwa baqa' jmur jirregistra ghax-xoghol u kien qed jircievi ghajnuna socjali inkluz unemployment benefit.
>
> Illi tenut kont ta' dan, u tenut kont tal-principji emergenti mill-gurisprudenza u dottrina fuq kwotati, huwa car li l-agir ta' l-imputat, cioe li ta' kull gimgha jmur jirregistra ghax-xoghol meta huwa fil-fatt kellu impjieg, huwa messa in xena. Huwa car ukoll li din il-messa in xena induciet lid-dipartiment tas-sigurta socjali fi zball li wasslu biex

ihallas lill-imputat unemployment benefit meta dan ma kienx dovuta; dan l-izball ovvjament wassal ghal telf patrimonjali a detriment ta' l-istess dipartiment.

Illi bl-akbar dovut rispett, biex l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza waslet ghal din il-konkluzjoni, strahet fuq kongetturi u suppozizzjonijiet ta' fatt li dwarhom il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi, u dan kif sejrin naraw.

Illi ibda biex jinghad illi mill-atti processwali hija nieqsa kwalsiasi prova konkreta dwar iz-zminijiet li fihom l-esponenti allegatament organizza s-safriet de quo agitur. Mill-istqarrija ta' l-esponenti, jirrizulta biss illi huwa siefer bin-nies mieghu darbtejn matul is-sena 2011 u tlett darbiet fis-sena 2012, almenu sal-mument li rrilaxxa l-istqarrija. B' kull rispett dovut, il-Prosekuzzjoni naqset ghal kollox milli ggib prova sodisfaoenti dwar is-safar organizzat mill-esponenti. Id-dokument li jinsab ezebit afolio 38 tal-process ma jipprova xejn wahdu. minkejja li gie kkonfermat minn Jonathan Tabone. rapprezentant ta' Virtu' Ferries, a folio 96, u dan ghaliex jindika biss dati u ismijiet. Il-Prosekuzzjoni ma kellhiex biss tipprova li l-esponenti siefer, wahdu jew ma' terzi, **imma kellha tipprova wkoll li dan l-esponenti ghamlu bi qliegh. In effetti l-atti processwali ma jippruvawx lil' hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-esponenti organizza safriet lil terzi bi qliegh qabel Marzu 2011.**

Illi minkejja l-fatt li l-Prosekuzzjoni kellha taghrif dwar il-persuni li allegatament kienu klijenti ta' l-esponenti u li hallsuh tas-servizzi allegatarnent rezi minnu, l-istess Prosekuzzjoni naqset ghal kollox milli tipproduci mqar wahda minn dawn il-persuni biex tixhed u tikkonferma x' hallset jew ma hallsitx lill-esponenti. Ghalhekk huwa nieqes certament element probatorju importanti dwar l-allegat profitt maghmul mill-esponenti.

Illi in oltre, il-fatt li l-esponenti organizza vjagg f' Jannar tas-sena 2011, kif

ikkonkludiet l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza. mhux materjali, billi l-qliegh allegatament illegali li l-esponenti beda jippercepixxi bis-sahha tal-qerq allegat tieghu beda jithallas mit-18 ta' Marzu 2011, u mhux qabel. Ghalhekk huwa minn dan il-punt 'l quddiem li wiehed irid jixtarr l-ghemil ta' l-esponenti.

Illi l-bran fuq citat, u kaptat mis-sentenza appellata, jissokta jghid illi minkejja din il-hidma kontinwa da parti ta' l-esponenti matul il-perjodu ndikat, huwa baqa' jirregistra ghax-xoghol u baqa' jippercepixxi l-beneficcji socjali. Filwaqt li l-Prosekuzzjoni ressqet id-debita prova, permezz tax-xiehda ta' Ivan Cilia, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soojali (ara folio 90 *et sequens*) dwar il-hlasijiet ta' beneficcji lill-esponenti, mhux l-istess jista' jinghad ghall-fatt tar-registrazzjoni ghax-xoghol mal-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u t-Tahrig. Joseph Saliba, ir-rapprezentant tal-Korporazzjoni msemmija, xehed limitatament u unikament dwar l-employment history ta' l-esponenti, minghajr ma xehed jew ikkonferma xi fatt dwar x' registrazzjonijiet ghamel l-esponenti fi kwalsiasi zmien (ara x-xiehda tieghu a folio 85). Id-dokument ezebit mill-Ufficjal Prosekutur a folio 36 *et sequens* baqa' ma gie qatt ikkonfermat minn rapprezentant ta' dik il-Korporazzjoni, u kwindi baqa' nieqes minn kull valur probatorju, in kwantu la hu dokument ufficcjali u lanqas ma gie l-kontenut tieghu ikkonfermat minn persuna idonja li tikkonferma dak il-kontenut.

Illi ghalhekk. il-konkluzjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza dwar ir-registrazzjoni "qarrieqa" ta' l-esponenti, hija konkluzjoni li ma gietx ippruvata, u kwindi ma tistax titqies kontra l-esponenti.

Illi bla hsara ghall-premess, l-esponenti umilment jissottometti illi datum sed non concessum illi huwa ghamel registrazzjoni mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u l-Impjiegi li ma kienx qed jahdem. dik id-dikjarazzjoni ma tistax titqies bhala qerq ghall-finijiet ta' l-Artikolu 308, billi ma huwiex ippruvat li tali registrazzjoni waslet ghal telf patrimonjali kif qed jigi allegat. Dan ghaliex, prevalentement, u ghal finijiet tar-reat ta' truffa, mhux legalment

possibbli li dak ir-reat jissussisti fejn telf patrimonjali jigi subit minn persuna, meta l-qerq jigi prattikat fuq persuna ohra. Jekk l-esponenti ghamel dikjarazzjoni falza li kien bla xoghol lill-Korporazzjoni tax-Xoghol, din id-dikjarazzjoni - almenu mill-provi prodotti - ma rrizultatx li b' xi mod wasslet biex id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ghamel telf patrimonjali. Ghalkemm is-sentenza appellata tikkonkludi li r-registrazzjoni ta' kull gimgha da parti ta' l-esponenti induciet lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fi zball, il-provi la juru li kien hemm tali registrazzjoni u lanqas ma juru li dawn kienu l-fatturi li nducew lid-Dipartiment imsemmi ghat-telf patrimonjali lamentat. Ma hemm xejn mix-xiehda prodotta li ssostni li d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kien qed jistrieh fuq ir-registrazzjonijiet settimanali li, skont is-sentenza appellata, l-esponenti kien jaghmel mal-Korporazzjoni. U la darba din ic-cirkostanza ma tirrizltax mill-provi, ifisser li din m' hija xejn ghajr kongettura u supposizzjoni li ma tistax tikkostitwixxi fondament ghal sejbien ta' htija fi procediment penali.

Illi l-premess iwassal ghall-konsiderazzjoni ohra. Ghalkemm, kif suespost, ir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ikkonferma l-ammonti mhallsin lill-esponenti bhala beneficcju ghall-qghad, dan ix-xhud waqaf hemmhekk u fl-ebda parti tax-xiehda tieghu ma spjega jew elabora kif u minn x' hiex gie mqarraq id-Dipartiment. Dan huwa nuqqas iehor serju fil-kaz tal-Prosekuzzjoni, li kellu jimmilita favur l-imputat. Fil-fatt, dan in-nuqqas ta' prova kien in-nuqqas li wassal lill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza fl-izball li tipprova tispigola hi x' kien il-qerq preciz prattikat mill-esponenti, bil-konsegwenza li dik il-qorti ssuponiet li l-qerq kien jikkonsisti f' registrazzjonijiet qarrieqa li pero' provi dwarhom lanqas biss saru!

Illi bl-akbar dovut rispett, l-esponenti jidhirlu li, anke kieku stess ghall-grazzja ta' l-argument, ir-registrazzjonijiet li hu allegatament ghamel lill-Korporazzjoni tax-Xoghol dwar in-nuqqas t' impjieg tieghu verament saru u verament kienu menzonjeri - fatt kontestat u in tant mhux ippruvat - il-Prosekuzzjoni kellha turi li dik ir-registrazzjoni kienet fattur determinanti u

deciziv li wassal lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali biex jaghmel il-hlasijiet li fil-fatt ghamel. Din il-prova ma saritx, u ma tirrizulta minn imkien.

Illi in effetti l-hlasijiet ta' beneficcji socjali jsiru b' konsegwenza ta' applikazzjoni[2] li ssir mill-persuna li tkun qed titlobhom, u wara dik l-applikazzjoni, jekk tigi approvata, d-Dipartiment ma jitlob xejn aktar u jibqa' johrog il-hlasijiet sakemm jew jircievi nformazzjoni mod' iehor mill-applikant, jew sakemm isir jaf li s-sitwazzjoni ta' l-applikant tkun inbidlet. Mhux il-kaz - u certament ma rrizultax mill-provi li l-applikant jaghmel jew iwettaq xi hag' ohra wara l-applikazzjoni promotrici li twassal ghall-beneficcji socjali. **Ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni kellha tipprova illi fil-mument li l-esponenti applika mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ghall-hlas ta' beneficcji dwar il-qghad, huwa kien qed jahdem u jiggenera dhul, u li kwindi kien qed jigdeb lid-Dipartiment, u li b' hekk kienet din il-gidba li nduciet lid-Dipartiment biex jaghmel hlasijiet li fir-realta' ma kienux dovuti lill-esponenti. Minn dan kollu pero' mill-provi ma jirrizulta xejn. Fuq kollox, il-Prosekuzzjoni sahansitra naqset milli tressaq bhala prova l-applikazzjoni ta' l-esponenti ghall-beneficcji socjali, bil-konsegwenza li ma hemm assolutament xejn fl-atti li juri x' gie dikjarat mill-esponenti lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.**

Illi huwa minnu li a tenur ta' l-Artikolu 117 tal-Kapitlu 318 tal-ligijiet ta' Malta, bidla fic-cirkostanzi materjali ta' persuna li tkun qed tircievi beneficcji socjali ghandha tigi komunikata lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Pero' in-nuqqas li jsir dan jikkostitwixxi reat taht il-ligi specjali appena citata, u ma jinkwadrax ruhu fir-reat ta' frodi, in kwantu konsistenti essenzjalment minn ghemil negattiv ossia passiv, mentri l-frodi tirrikjedi ghemil pozittiv ghall-kompjiment taghha. Fi kliem iehor, wiehed ma jistax iwettaq frodi billi ma jaghmel xejn.

Illi incidentalment, l-Artikolu 117 appena citat jindika fermement li fejn persuna ikun applikat ghal beneficcji socjali u tkun inghatat dawk il-

[2] Ara l-Artikolu 97 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

beneficcji, imbaghad minkejja bidla fic-cirkostanzi taghha ma tgharrafx b' dan lid-Dipartiment, tali fatti speci ma jinkwadrawx ruhhom li frodi imma fir-reat ikkontemplat fl-istess disposizzjoni, li huwa reat li jgorr piena li hija ferm u ferm inqas minn dik li jgorr ir-reat li qed jigi addebitat lill-esponenti. L-ezistenza ta' dan ir-reat taht il-ligi specjali jsahhah it-tezi ta' l-esponenti li *datum sed non concessum* li huwa kellu bidla fic-cirkostanzi tieghu wara li beda jinghata l-beneficcji socjali *de quo agitur*, in-nuqqas tieghu li javza lid-Dipartiment huwa espressament kontemplat mil-ligi specjali taht il-figura ta' reat iehor, u mhux dak ta' truffa jew frodi.

Illi kif premess, il-fatt li wara l-applikazzjoni tieghu ghall-beneficcji, l-esponenti setghu inbidlulu c-cirkostanzi tieghu, b' mod materjali li kien jobbligah jaghti taghrif lid-Dipartiment, ma jistax iwassal ghall-htija taht ir-reati addebitati lill-esponenti. Ghalhekk anke dak li sehh wara it-18 ta' Marzu, 2011 huwa irrilevanti, sakemm ma jigix ippruvat kif imiss skont il-ligi illi l-esponenti wettaq xi qerq iehor fil-konfront tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li bih induca lil dak l-istess Dipartiment ghal telf patrimonjali. Pero' prova dwar il-kommissjoni ta' xi qerq jew artifizju da parti ta' l-esponenti mill-atti processwali ma tirrizltax.

Illi ghalhekk il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-element materjali li minnu huwa kompost dan ir-reat, u cioe' il-qerq, u jsegwi mill-premess kollu li l-esponenti kellu jigi liberat anke mill-ewwel imputazzjoni.

Illi minghajr ebda preudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju ta' l-esponenti wkoll huwa car u manifest, in kwantu l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ma setghet qatt issibu hati tar-reat ta' truffa kif kontemplat dan ir-reat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwei istanza sabet lill-esponenti hati tar-reat ta' truffa. Permezz ta' dan l-aggravju, l-esponenti qed jilmenta illi *datum sed non concessum* li huwa wettaq il-fatti attribwiti lilu mill-Prosekuzzjoni, ma

setghat qatt jirrizulta dan ir-reat. Dan billi, skont l-esponenti, ma jirizulta minn imkien l-uzu ta' apparat estern in suffragju ta' l-allegat qerq imwettaq minnu, liema apparat estern huwa element indispensabbli sabiex tikkonkorri l-figura guridika tar-reat ta' truffa. Tajjeb li qabel xejn issir referenza ghall-insenjament gurisprudenzjali dwar dan l-element tar-reat ta' truffa kif ormai assodat mill-gurisprudenza nostrana, li segwiet it-taghlim ta' guristi ta' awtorita' bhal Carrara - *"Che a dar vita allo stellionato non basta qualunque frode diretta allo inganno altrui, se non e' accompagnata da un apparecchio esteriore, capace ad illudere"* (Programma, Parte Speciale, para. 2354).

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** (Appell Kriminali lnferjuri, 22 ta' Frar, 1993). intqal awtorevolment dan li gej:

> "Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna u ta' din il-Qorti specjalment. Hekk, l-Imhallef W. Harding tas-27 ta' Mejju, 1944 *in re* Il-Pulizija vs Nikol Bonnici qal, "Il-Qorti t' isfel fis-sentenza taghha wasslet ghall-konkluzjoni illi hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 ( illum 308 ) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kollegjalment komposta fil-kawza Regina versus Francesco Cachia u Charles Beck deciza fit-2 ta' Jannar, 1896 li fiha intqal illi *"quel articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede".*
>
> Il-mibki Imhallef Guze' Flores fil-kawza Il-Pulizija versus Carmelo Cassar Pamis deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 1959 segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruhu kif gej: "Ghar-reat ta' truffa kkontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li

tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b' hekk bhala mezz ta' qerq. M' huwiex bizejjed ghall-finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' l-apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali, li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Fraiciz misc – en - scene."

Illi fl-istess vena fil-kawa Ir-Repubblika ta' Malta vs. Glen sive John Debattista (8 ta' Marzu, 1995) jinghad, wara studju approfondit tal-fonti legali tar-reat ta' truffa, li *"Illum, ghalhekk, huwa ssodat fil-gurisprzidenza taghna illi biex ikun hemm ir-reat tat-truffa ghal dawk li huma artifizji, mhix bizzejjed is-semplici gidba, izda jinhtieg li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hemm dik il-magna callidibus ad decipiendum aliquam addibite; irid ikun hemm dik l-impostura li tikkonstringi lil dak li jkun li jemmen, li tnehhi kull susptt u tipparalizza d-diligenza ta' l-iffrodat u tissorprendilu l-buona fede tieghu".*

Illi din il-pozizzjoni giet aktar ricentement imtennija wkoll, wara studju magistrali tal-gurisprudenza in materja. fid-decizjoni tal-Qorti lnferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Patrick Busuttil ( 10 ta' Jannar, 2013 ), li giet ukoll ikkonfermata mill-Qorti Superjuri b' decizjoni tat-13 ta' Novembru, 2013.

Illi mis-sentenza appellata, ghandu jirrizulta ampjament illi l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza irravvizat l-apparat estern, ossia il-messa in xena, rikjesta ghall-konsumazzjoni tar-reat ta' truffa, fil-fatt li l-esponenti *" ... fil-perjodu bejn Jannar, 2011 u Settembru, 2012 [ l-imputat ] kien qed jahdem bhala tour operator u / jew travel agent. Jirrizulta wkoll li minkejja din l-attivita' huwa baqa' jmur jirregistra ghax-xoghol u kien qed jircievi ghajnuna socjali inkluz unemployment benefit ".* Bir-rispett dovut, datum sed non

concessum[3] li l-esponenti verament wettaq l-ghemil attribwit lilu f' dan il-bran tas-sentenza appellate, tali agir b' ebda mod ma jista' jigi ekwiparat mal-fatt ta' apparat estern kif rikjest mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Il-fatt li wiehed imur jirregistra ghax-xoghol huwa fatt verbali, fis-sens li wiehed jipprezenta ruhu ma' l-awtorita' kompetenti u jiddikjara li huwa bla xoghol u li jrid isib impjieg. F' kaz li din id-dikjarazzjoni ma kienetx veritiera, kif ikkonkludiet l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza. tirrizulta biss il-gidba. Issa l-gidba wehida, kif tghallem il-gurisprudenza citata permezz tal-paragrafi precedenti, ma hijiex sufficjenti sabiex jirrizulta r-reat ta' truffa.

<u>Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet aggravju ta' l-esponenti wkoll huwa car u manifest, in kwantu l-element intenzjonali rikjest sabiex jissussisti r-reat ta' truffa ma jinsabx ippruvat.</u>

Illi kif suespost permezz tal-paragrafi precedenti ta' dan l-umli appell, biex jissussisti r-reat ta' truffa huwa necessarju wkoll li l-Prosekuzzjoni tipprova l-element intenzjonali fl-imputat. Intenzjoni din li m' hijiex generika, imma trid tkun specifika. Kif jispjega l-gurista Antolisei ( u kwotat b' approvazzjoni mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija vs. Patrick Spiteri deciza fit-22 ta' Ottubru, 2004 ): *"L' agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l' inganno della vittima, come conseguenza dell' azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell' inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l' ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell' ingustizzja del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all' ingannato".*

Illi l-atti processwali ma jirriflettu ebda prova dwar l-intenzjoni ta' l-esponenti, li ma tistax tigi prezunta. Fl-istqarrija tieghu, l-esponenti ghalkemm ikkonferma li f' xi safriet, kien jifdallu xi "qliegh zghir" li kien jonfoq matul il-gita stess, wiegeb li ma kien x' jaf li kellu jgharraf b' dan lid-

[3] Dan qed jinghad minghajr ebda pregudizzju ghall-aggravvju precedent, li permezz tieghu l-esponenti qieghed jilmenta dwar l-apprezzament tal-provi maghmul fis-sentenza appellate, in kwantu mill-provi ma jirrizulta ebda qerq prattikat mill-esponenti.

Dipartiment. Huwa evidenti li l-kaz odjern jitratta cirkostanzi fejn persuna ghamlet attivita' zghira li, ghalkemm hallitilha qliegh zghir, ma kienetx konxja proprju minhabba c-cokon ta' dak il-qliegh li kellha l-htiega li tinforma lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali dwar l-istess. Dawn ic-cirkostanzi ma jurux intenzjoni da parti ta' l-imputat li jiffroda d-Dipartiment, imma in pessima ipotesi juru biss illi l-esponenti naqas b' nuqqas ta' hsieb u b' effett ta' injoranza tal-ligi minn dmir tieghu taht l-Artikolu 117 tal-Kapitlu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.
Illi ghalhekk ukoll dan ir-reat ma jirrizultax.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti hassu aggravat mid-decizjoni impunjata billi dehrlu illi l-apprezzament maghmul tal-atti probatorji kellu iwassal lill-Ewwel Qorti ghal liberatorja mill-akkuza tal-frodi li dwarha hu gie misjub hati u dan fi tlett lanjanzi minnu imfassla meta issostni illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tipprova sodisfacentement ir-reita' fl-appellanti, illi r-reat tat-truffa kif ravvizat fl-artikolu 308 tal-Kap.9 ma jissussistiex u ukoll illi l-element intenzjonali ghall-kummissjoni tar-reat huwa nieqes. Premess dan huwa evidenti illi dak li qed tigi imsejjha biex taghmel dina l-qorti ta' revizjoni huwa li tissindika dik id-diskrezzjoni fdata lill-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni li hija ghandha taghmel tal-provi. Qajla ghandha ghalfejn din il-Qorti terga' ittenni illi tali diskrezzjoni ghandha tigi iddisturbata biss fejn jista' jigi riskontrat errur gravi ta' gudizzju fid-decizjoni impunjata li tista' twassal ghal ingustizzja fil-konfront tal-persuna/i akkuzata/i. Dan l-element guridiku gie affermat *funditus* u kemm il-darba mill-qrati fi stadju ta' revizjoni.

Illi sabiex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment jenhtieg li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-

intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Imbaghad dwar l-element formali tar-reati ta' truffa l-Imhallef Guze Flores kellu dan xi ighid:

***"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi biex jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato[4]."***

[4] Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004)

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal fini tal-kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Afferrati dawn il-principji gurisprudenzjali u legali ghandu jirrizulta illi kif sewwa issottometta l-appellanti, huwa necessarju illi jigi ippruvat l-element ta'l-ingann fil-frodatur u dan fil-mument illi huwa ikun qieghed jaghmel il-maniggi tieghu sabiex jinganna lill-vittma. Illi l-fattispecje ta' dan il-kaz huma piuttost semplici. L-appellanti li kien applika ghal beneficcju tal-qaghad (*unemployment benefits*) iddikjara ma'l-aworitajiet koncernanti li kien minghajr impjieg. Wara li din l-applikazzjoni giet accettata, l-appellanti beda jirregistra u jircevi il-beneficcju tal-qaghad. Il-Prosekuzzjoni, izda tallega illi filwaqt li kien qed jaghmel dan, l-appellanti kellu impjieg bi qligh bhala *tour operator* u li kien qed jaghmel dan ix-xoghol minghajr licenzja. Sahansitra tallega l-Prosekuzzjoni illi l-appellanti beda jirreklama s-servizzi tieghu taht l-isem DJ Charlo and Fun Travel fil-gazzetti u anke fuq mezzi elettronici, tant illi anke kien hemm *website* bl-isem *djcharlofuntravel.com.* Mir-reklami esebieti, madanakollu, jirrizulta illi it-*tours* organizzati kollha jirreferu ghad-dati wara dik indikata fl-akkuza. Fil-fatt l-indagini saret mill-pulizija tac-Cyber Crime Unit fl-20 ta' Awwissu 2012 u precisament minn PS424 (illum Spettur) Elton Buckingham u allura l-vjaggi reklamati jirreferu

ghal wara din id-data. Ix-xhud ukoll jindika illi d-*domain* name *djcharlofuntravel.com* gie ikkrjeat fl-1 ta' Awwissu 2012 tramite il-kumpanija Amerikana *GoDaddy.com*. Illi mill-*employment history* ta'l-appellanti imbaghad jirrizulta illi huwa hadem mal-kumpanija One Productions sas-16 ta' Marzu 2011 fuq bazi *part-time* u imbaghad rega gie impjegat fl-01 ta' Mejju 2013 ma' Alexander Lautier bhala *tour leader*. Irrizulta ukoll illi l-appellanti kien ivvjagga diversi drabi mal-Virtu Ferries tul dan il-perijodu taz-zmien kemm wahdu kif ukoll ma' xi gruppi ta' nies, izda jekk huwa kienx organizza dawn it-*tours* u jekk fil-fatt kellux xi qliegh minnhom ma jirrizultax ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija l-appellanti jammetti illi kien hemm xi ftit okkazzjonijiet fejn huwa ghamel dawn il-vjaggi u ircieva xi hlas ghalih ghalkemm jistqarr illi dan kien jaghmlu bhala passatemp u ma kienx ikollu qliegh minnu, ghajr ghal ftit mijiet. Illi bejn it-18 ta' Marzu 2011 u il-15 ta' Gunju 2012 l-appellanti irceva is-somma ta' €4869.51 fi previdenza socjali.

Fil-fehma ta'l-Ewwel Qorti il-fatt wahdu illi l-appellanti ta' kull gimgha kien imur jirregistra ghax-xoghol meta kien qieghed jahdem, hija l-prova bizzejjed tal-mezzi ta' raggiri, artifizji jew xi uzu ta' ingann li wassal sabiex l-vittma ta' dana ir-reat, u cioe' id-Direttur tas-Sigurta Socjali, jigi ingannat u indott fi zball mill-appellanti li allura ghamel qliegh a detriment tal-Gvern ta' Malta.

Illi madanakollu dak li kellu jigi mistharreg mill-Ewwel Qorti *in primis* kien il-fatt jekk l-Prosekuzzjoni irnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi illi fil-perijodu taz-zmien indikat fl-akkuza u cioe' f'Gunju 2012 u fis-sena ta' qabel l-appellanti kien qieghed jahdem bi qligh. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ghalkemm tista' tezisti xi supposizzjoni fir-rigward, madanakollu l-evidenza ma hijiex b'sahhitha bizzejjed sabiex tistabbilixxi lil hinn minn kull dubbju illi l-appellanti kien qed jahdem bi qligh, fit-termini definiti fil-ligi, f'dan il-perijodu taz-zmien biex b'hekk imbaghad l-Qorti tista' tasal biex tistabbilixxi jekk huwa kienx qed jaghmel dan b'ingann kif ipprospettat mill-Prosekuzzjoni.

Illi artikolu 2 Kap.318 jaghti definizzjoni tal-kelma 'qligh' ghal fini tal-Att dwar is-Sigurta Socjali.

***"'qligħ' tfisser dħul minn persuna li taħdem għaliha nnifisha minn attività ekonomika (inkluż l-eżerċizzju ta' xi kummerċ jew professjoni), u għandha tiftiehem bħala dħul nett wara li jinqatgħu l-ispejjeż li jsiru direttament biex jinkiseb dak id-dħul, ..."***

Imbaghad dwar l-obbligu tar-registrazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Impjieg u Tahrig (ETC) jinghad fl-artikolu 30(3):

"***Għall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna ma titqiesx li tkun bla xogħol jekk f'xi ġurnata (anke jekk tkun, f'xi ġurnata bħal dik, reġistrata taħt l-Ewwel Taqsima tar-Reġistru miżmum skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ) -***

***(a) tkun qed tagħmel xi xogħol bi qligħ f'dik il-ġurnata jew tkun għamlet xogħol li għalih normalment titħallas rimunerazzjoni, sew jekk xi rimunerazzjoni tkun fil-fatt ġiet riċevuta sew jekk le."***

Mela l-element tal-qligh huwa dominati fid-determinazzjoni dwar jekk persuna hijiex qed tahdem o meno, anke jekk dak il-qligh ikun ghadu ma giex ippercepiet. Issa mill-atti probatorji ghandu jirrizulta illi ghalkemm jista' jitqies ippruvat il-fatt illi l-appellanti ivvjagga mal-Virtu Ferries kemm wahda kif ukoll ma' xi grupp ta' nies f'xi dati li jirreferu ghal perijodu indikat fl-akkuza, madanakollu ma jistax jinghad illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova li dan kien qed jaghmlu bi qligh ghalih innifsu u li ghalhekk hu kien qieghed jahdem regolarment bhala *tour operator*. Ma hemmx l-icken prova, permezz ta' per ezempju xi kontijiet bankarji, xi xhieda ta' nies li setghu ivvjaggaw ma'l-appellanti, kif allegat, xi hlasijiet li l-appellanti seta ircieva minn ghand il-Virtu Ferries fost ohrajn, provi li jistghu jindikaw xi qligh li kien qed jaghmel l-appellanti fil-perijodu taz-zmien indikat fl-akkuza.

*Di piu'* hafna min dawn il-gruppi indikati fl-atti jirreferu ghad-dati wara dik indikata fl-akkuza[5] kif l-istess jista' jinghad ghar-reklamar li l-Prosekuzzjoni u anke l-Ewwel Qorti jistriehu fuqha bhala prova illi l-appellanti kien qed jahdem. Kif inghad mix-xhieda tal-pulizija tac-Cyber Crime Unit jidher illi

[5] Bejn Gunju 2011 u Gunju 2012 jirrizulta mid-Dokument a fol.38 li l-appellanti ivvjagga ghal gurnata lejn Sqallija erba darbiet, darba wahdu u tlett darbiet fi grupp.

dan ir-reklamar beda isehh fl-1 ta Awwissu 2012, data meta gie imwaqqaf is-sit fuq l-*internet*, u cioe' wara id-data ta' Gunju 2012. Anke il-vjaggi reklamati f'dan il-website kollha jirreferu ghad-dati ta' wara u cioe' Settembru u Ottubru 2012. Fil-fatt wara din id-data l-appellanti applika ghal licenzja ta' *tour operator* li fil-fatt irnexxielu jikseb. Kwindi, gjaldarba, fil-fehma ta' din il-Qorti il-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi illi l-appellanti kien qed jahdem bi qligh ghalih innifsu fil-perijodu indikat fl-akkuza u cioe' fl-istess zmien li huwa kien qed jippercepixxi l-beneficcju socjali, kwindi l-akkuza prospettata fil-konfront ta'l-appellanti ma tistax tregi.

Illi fl-aghar ipotesi tista' tirrizulta reita' biss ghar-reat minuri ikkontemplat fid-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 117(1)(iii) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta fl-eventwalita illi jigi stabbilit illi l-appellanti naqas milli jinforma lid-Direttur li huwa kien qed jippercepixxi xi hlasijiet ghal xi perijodu ta' zmien anke jekk ghal xi granet sabiex b'hekk ir-rata ta' beneficcju pagabbli lilu tkun tista' tigi aggustata, akkuza li madanakollu ma gietx moghtija u azzjoni li d-Direttur ma hassx illi kellu jiehu fil-konfront ta'l-appellanti.

Ghaldaqstant ghal motivi kollha hawn fuq migjuba, il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u billi jirrizulta nuqqas ta' provi, tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin  Calleja

Deputat Registratur